# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 373/2011 FDP**

Fl-ismijiet

**B. Grima & Sons Ltd. (C 34602)**

**Vs**

**Jeremy Jonas Debono (ID 45376M) u Nydian Debono nee Caruana (ID 270277M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' April 2011, li permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi fis-sena 2006, l-intimati talbu lill-kumpannija rikorrenti twettqilhom xogħolijiet fir-residenza tagħhom bin-numru 55, Amida, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Santa Marija Estate, Mellieħa, liema xogħolijiet kienu jikkonsistu fil-bini ta' swimming pool u l-area ta' madwarha, kif jidher aħjar fuq il-pjanti mehmuża bħala 'Dokument BGS1';*

    2. *Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-kumpannija rikorrenti mhux biss twettaq l-imsemmija xogħolijiet, iżda wkoll tipprovdi l-materjal relattiv għall-istess;*

3. *Illi l-intimati kienu kuntenti bix-xogħolijiet imwettqa mill-kumpannija rikorrenti tant li fis-17 ta' Marzu 2007 ħallsu s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) cash lill-kumpannija rikorrenti, akkont tal-prezz dovut għal tali xogħolijiet;*

4. *Illi mit-talba għall-ħlas (mhux riċevuta fiskali) maħruġa mill-kumpannija rikorrenti f'Marzu 2007 (kopja mehmuża bħala 'Dokument BGS2') jirriżulta b'mod dettaljat fhiex kienu jikkonsistu x-xogħolijiet imwettqa u l-materjal użat mill-kumpannija rikorrenti;*

5. *Illi mill-imsemmija talba għall-ħlas jirriżulta li l-bilanċ dovut mill-intimati lill-kumpannija rikorrenti huwa ta' erbgħa u sittin elf, mija u tnejn u erbgħin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€ 64,142.67), ma' liema trid tiżdied is-somma ta' ħdax-il elf, ħames mija u ħamsa u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€ 11,545.59) bħala Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (VAT), li b'kollox flimkien jammontaw għal ħamsa u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€ 75,688.35);*

6. *Illi minkejja diversi wegħdi li se jħallsu, fosthom permezz ta' emails mibgħuta mill-intimat Jeremy Debono lill-kumpannija rikorrenti bejn Frar u Mejju tas-sena 2009 (kopji mehmuża bħala 'Dokument BGS3'), l-intimati baqgħu inadempjenti;*

7. *Illi in oltre', l-intimati reġgħu naqsu milli jħallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma minnhom dovuta anke' wara li ġew interpellati permezz tal-ittra legali tal-10 ta' Novembru 2010 (kopja mehmuża bħala 'Dokument BGS4') u kif ukoll permezz tal-ittra uffiċċjali bin-numru 4802/2010 ippreżentata fit-2 ta' Diċembru 2010 u debitament notifikata lill-intimati fl-20 ta' Diċembru 2010 (kopja mehmuża bħala 'Dokument BGS5');*

8. *Illi Adam Grima, flimkien mad-Diretturi u l-azzjonisti l-oħra tal-kumpannija rikorrenti jafu b'dawn il-fatti kollha personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, jgħidu l-intimati għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*(1) Tiddikjara li l-intimati Jeremy u Nydian Debono huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€ 75,688.35);*

*(2) Tordna lill-intimati Jeremy u Nydian Debono jħallsu lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€ 75,688.35);*

*Bl-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€ 75,688.35) b'effett mill-20 ta' Diċembru 2010 (id-data tan-notifika tal-ittra uffiċċjali 4802/2010) sal-ħlas effettiv.*

*Bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, u inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali bin-numru 4802/2010 tat-2 ta' Diċembru 2010, u tal-mandat ta' qbid maħruġ fid-29 ta' Marzu 2011, kollox kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-30 ta' Mejju 2011 l-konvenuti Dottor Jeremy Jonas Debono u martu Nydian Debono irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi huwa minnu li fis-sena 2006 l-kumpanija rikorrenti wettqet x-xogħolijiet indikati minnha fil-fond residenzjali tal-intimati. Il-ħlas għal dawn ix-xogħolijiet kellu jsir mis-soċjeta' Concorde Developments Limited (C-38024) u għalhekk ir-rikorrenti ma humiex il-leġittimi kontradditturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Il-fatti ta' dan il-każ kienu s-segwenti:*

*i. L-intimati riedu jagħmlu xi xogħolijiet fid-dar residenzjali tagħhom ġewwa l-Mellieħa, senjatament il-bini mill-ġdid ta' swimming pool u l -area tal-madwar.*

*ii. Illi fl-istess żmien soċjeta' li fiha l-intimat kellhu involviment, u ċioe' Concorde Developments Limited (C-38024) kienet qiegħda fil-proċess li takkwista proprjeta' ġewwa l-Mellieħa, bl-intiża li din tiġi żviluppata.*

*iii. Illi l-intimat Avukat Debono kien daħal fi ftehim verbali ma' l-istess soċjeta' rikorrenti sabiex din tiżviluppa l-imsemmija proprjeta'. Bħala ħlas għal dan l-iżvilupp kien ġie maqbul illi s-soċjeta' rikorrenti tieħu appartament u parking space li kienu ġew stmati komplessivament ħamsa u ħamsin elf liri Maltin (Lm55,000) illum ekwivalenti għal mija, tmienja u għoxrin elf, mija u ħmistax-il ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmi ta' ewro (€128,115.53). Id-differenza bejn il-fattura finali - għal iżvilupp ta' din il-proprjeta' - u l-valur hawn appena*

*indikat, kellu jitħallas mis-soċjeta' Concorde Developments Limited lis-soċjeta' rikorrenti fi flus.*

iv. *Wara li tlestew ix-xogħolijiet fid-dar residenzjali tal-intimati, l-intimati ħallsu s-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) illum ekwivalenti għal erbat elef, sitt mija, tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi ta' ewro (€4,658.75) lis-soċjeta' rikorrenti. Kien ġie miftiehem, u dan fil-presenza tal-Perit Joseph Attard, li l-bilanċ fuq il-prezz tax-xogħolijiet li saru fir-residenza ta' l-intimati kellhu jitħallas mis-soċjeta' Concorde Developments Limited.*

v. *Is-soċjeta' rikorrenti dan il-ftehim ma tistax tiċħdu tant li fil-kont anness mar-rikors maħluf u mmarkat bħala Dok. BGS2, hemm imniżżel hekk "Xogħol li sar fil-plot tal-Mellieħa - Irfid bil-ħadid, tindif tal-pedamenti, bini ta' boundary wall u windbreaker". Għax-xogħol li sar għal kumpanija Concorde Developments Limited, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob il-ħlas issa mingħand l-intimati. Mela l-ewwel marret lura mill-ftehim milħuq mas-soċjeta' Concorde Developments Limited u issa s-soċjeta' rikorrenti trid li tieħu ħlas li ma humiex dovuti mill-intimati.*

vi. *Xi żmien wara kienet saret proposta lis-soċjeta' rikorrenti sabiex hija tieħu żewġ appartamenti u żewġ parking spaces minflok appartament u parking space wieħed u dan bil-prezz ta' mija u għaxart elef liri Maltin (Lm110,000) illum ekwivalenti għal mitejn, sitta u ħamsin elf, mitejn u wieħed u tletin ewro u sebgħa ċenteżmi ta' ewro (€256,231.07). Ir-rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti kienu infurmaw lill-intimat - fil-presenza tal-Perit Attard - li din il-proposta kienet ser tiġi kkunsidrata u li ma kellhiex għalfejn, is-soċjeta' rikorrenti, tirrifjuta. Fil-fatt, is-soċjeta' rikorrenti infurmat lill-intimat li dak minnu propost kien qiegħed jiġi aċċettat u għalhekk beda x-xogħol.*

vii. *Ġara li wara li ntlaħaq dan il-ftehim, meta ħareġ il-permess u bdew ix-xogħolijiet mis-soċjeta' rikorrenti fil-proprjeta' tas-soċjeta' Concorde Developments Limited, kien kellem lill-intimat Avukat Debono, id-direttur tas-soċjeta' rikorrenti Adam Grima fejn infurmah illi xtaqu jiltaqgħu miegħu sabiex jkellmuh. Din il-laqgħa saret fl-uffiċċju tas-soċjeta' rikorrenti ġewwa San Pawl il-Baħar fejn kien hemm preżenti Isaac Grima, Bartolomeo Grima, Adam Grima u Abraham Grima. F'din il-laqgħa, dawn infurmaw lill-intimat li ma kinux disposti li jonoraw il-ftehim milħuq u kienu tawh rati ġodda għax-xogħol ta' żvilupp li kellu jsir fil-proprjeta' tas-soċjeta'*

*Concorde Developments Limited liema rati kienu iktar għoljin mir-rati tas-suq. Minħabba f'hekk is-soċjeta' Concorde Developments Limited kellha tinkariga lil ħaddieħor biex jagħmel dan ix-xogħol ta' żvilupp. Minħabba dan l-aġir irresponsabbli tas-soċjeta' rikorrenti, l-istess soċjeta' Concorde Developments Limited soffriet danni nġenti u hija sejra tipproċedi kontra ssoċjeta' rikorrenti sabiex tirkupra dawn l-istess danni.*

*3. Mingħajr preġudizzju għal premess, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti ma jogħġobhiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni fuq imqanqla, allura fil-mertu jingħad li l-kont anness mar-rikors maħluf huwa ikkontestat l-għaliex fl-ewwel lok, kif diġa' ingħad, hemm ħlasijiet dovuti minn terzi u mhux mill-intimati. Il-ħlasijiet dovuti, jekk huma dovuti minn terzi, huma ta' tlett elef euro (€3,000) għal xogħol li sar lis-soċjeta' Concorde Developments Limited li ma hijiex parti f'dawn il-proċeduri. Oltre dan hemm talbiet għal ħlas ta' xogħol addizzjonali mis-soċjeta' rikorrenti li sar tort tas-soċjeta' rikorrenti minħabba nuqqas ta' ħsieb u nuqqas fl-esekuzzjoni tax-xogħol mhux skond is-sengħa u l-arti. Dawn l-ammonti żgur ma humiex dovuti mill-intimati.*

*4. Fix-xogħolijiet imwettqa kien hemm partijiet minnhom li ma sarux skond is-sengħa u l-arti u dan skond ma indika l-Perit Joseph Attard fir-rapport tiegħu datat 20 ta' April, 2011 (Dok. JJD1). Oltre dan, saru danni u ħsarat fil-proprjeta' tal-intimati fosthom tixrid ta' konkos fuq is-saqaf tat-tegole u ħsarat oħra li sejrin jiġu indikati fil-kors tal-kawża, għal liema ħsarat hija responsabbli unikament is-soċjeta' rikorrenti. Għalhekk minn kull ammont, jekk hemm xi ammont dovut, dawn ix-xogħolijiet magħmulin mhux skond is-sengħa u l-arti u danni kkawżati mis-soċjeta' rikorrenti għandhom jitnaqqsu.*

*5. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-każ.*

6. Rat illi, flimkien mar-risposta, l-intimati Dottor Jeremy Jonas Debono u martu Nydian Debono ippreżentaw kontro talba fejn talbu s-segwenti (fol 32).

1. *Illi huwa kien ftiehem mas-soċjeta' rikorrenti sabiex din tagħmel diversi xogħolijiet fil-proprjeta' residenzjali tiegħu ġewwa l-Mellieħa u ċioe' il-bini mill-ġdid ta' swimming pool u l-area tal-madwar.*

2. *Illi għal dawn ix-xogħolijiet, kellha tħallas is-soċjeta' Concorde Developments Limited, u dan skond ftehim milħuq bejn l-intimat għan-nom u in rappreżentanza tal-imsemmija soċjeta' Concorde Developments Limited u s-soċjeta' rikorrenti. Dan kollu fil-presenza tal-Perit Joseph Attard. Bħala fatt, l-intimati ħallsu biss is-somma ta'*

*elfejn liri Maltin (Lm2,000) illum ekwivalenti għal erbat elef, sitt mija tmienja u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi ta' ewro (€4,658.75) lis-soċjeta' rikorrenti u dan minħabba l-ftehim milħuq. Il-bilanċ, kif ingħad kellu jitħallas mis-soċjeta' Concorde Developments Limited.*

3. *Illi waqt li s-soċjeta' rikorrenti kienet qiegħda twettaq ix-xogħolijiet fir-residenza ta' l-intimati, impjegati tagħha wettqu diversi xogħolijiet mhux skond is-sengħa u l-arti. Dan kollu skond ma jidher mir-rapport tal-Perit Joseph Attard fir-rapport tiegħu datat 20 ta' April, 2011 (Dok. JJD1 ġia' eżebit mar-rikors promotur). Għal dawn il-ħsarat hija responsabbli unikament is-soċjeta' rikorrenti.*

4. *Oltre dan sar xogħol b'nuqqas ta' ħsieb u minħabba f'hekk, l-intimati sejrin ikollhom jonfqu flejjes żejda sabiex jagħmlu tajjeb għax-xogħol ħażin u bla ħsieb tas-soċjeta' rikorrenti.*

5. *Illi l-ħsarat li saru, saru fuq proprjeta' tal-intimati. Oltre dan diġa' ingħad li s-soċjeta' rikorrenti kienet marret lura minn ftehim li hija kienet waslet mas-soċjeta' Concorde Developments Limited u għalhekk il-ħsarat ikkawżati mis-soċjeta' rikorrenti sejrin jagħmlu tajjeb għalihom l-intimati personalment. L-istess ħaġa għar-rigward tax-xogħolijiet li saru jew għad iridu jsiru minħabba nuqqas ta' ħsieb u ippjanar fl-esekuzzjoni tax-xogħolijiet da parti tas-soċjeta' rikorrenti u l-addetti tagħha.*

6. *Illi għal din il-ħsara u dawn in-nuqqasijiet taħti biss is-soċjeta' attriċi u minkejja mitluba sabiex tagħmel tajjeb għalihom, hija baqgħet inadempjenti.*

*TGĦID għalhekk is-soċjeta' rikorrenti, l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex:*

1. *TIDDIKJARA lis-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-intimati minħabba li wettqet xogħolijiet mhux skond is-sengħa u l-arti, kif ukoll tiddikjaraha responsabbli għad-danni għax-xogħol ħażin u bla ħsieb minnha imwettaq;*

2. *TILLIKWIDA d-danni kkawżati mill-istess soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata anke permezz ta' periti nominandi;*

3. *TIKKUNDANNA lill-istess soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata tħallas id-danni hekk likwidati favur l-intimati;*

7. Rat ir-risposta għall-kontro-talba ippreżentata minn B. Grima & Sons Limited, ippreżentata fl-20 ta' Gunju 2011 (fol 58), fejn ressqu s-segwenti difiża:

*Illi t-talbiet tal-intimati rikonvenjenti konjuġi Debono fil-konfront tal-kumpannija rikonvenuta għandhom jiġu miċħuda għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi mhuwiex minnu li x-xogħol imwettaq mill-kumpannija rikorrenti rikonvenuta fir-residenza tal-intimati rikonvenjenti (bin-numru 55, 'Amida', Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa - dakinhar proprjeta' tal-intimati iżda llum proprjeta' tal-Bank of Valletta p.l.c bħala trustee) ma sarx skond is-sengħa u l-arti u/jew sar ħażin jew bla ħsieb, u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smigħ ta' din il-kawża, fosthom illi:*

*(i) minn meta tlestew ix-xogħolijiet lejn l-aħħar tas-sena 2007, l-intimati rikonvenjenti dejjem urew li kienu pjenament sodisfatti bil-kwalita' tax-xogħol u s-servizz reż lilhom; u*

*(ii) l-ewwel darba li l-kumpannija rikorrenti rikonvenuta ġiet mgħarrfa bil-pretensjoniet tal-intimati rikonvenjenti kien proprju ftit jiem ilu meta ġiet notifikata bil-kontro-talba; u*

*(iii) dan l-ilment proprju qiegħed jitqajjem għall-ewwel darba fl-istess żmien li l-kumpannija rikorrenti rikonvenuta istitwiet proċeduri legali sabiex titħallas dak lilha dovut mingħand l-istess intimati rikonvenjenti għax-xogħolijiet in kwistjoni.*

*2. Illi għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-kumpannija rikorrenti rikonvenuta m'hija responsabbli għal ebda allegati ħsarat u/jew danni sofferti mill-intimati rikonvenjenti fir-residenza tagħhom fil-Mellieħa.*

*3. Illi bla ħsara għas-suespost, peress li mir-rapport tal-Perit Joseph Attard tal-20 t'April 2011 (mehmuż bħala Dok JJD 1 mal-kontro-talba), jirriżulta li l-allegati ħsarat/nuqqasijiet huma faċilment identifikabbli (u kwindi mhumiex difetti moħbija) il-pretensjonijiet tal-intimati rikonvenjenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati rikonvenjenti.*

8. Rat ir-relazzjoni tal-**Perit Tekniku Mario Cassar** ippreżentata fit-3 ta' Ottubru 2017 (fol 130).

9. Rat li l-intimati eżebew in-nota ta' sottomissjonijiet u s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fil-każ 572/2011 fl-ismijiet Concorde Developments Limited vs B. Grima & Sons Limited deċiża fit-2 ta' Ottubru 2012 (fol 140 et seq).

10. Rat li l-intimati eżebew is-sentenza 572/2011 deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2017 (fol 257).

11. Rat l-affidavit ta' l-avukat **Dottor Jeremy J. Debono** ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2016 (fol 311).

12. Rat l-affidavit tal-**Perit Joseph Attard** ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2012 (fol 321).

13. Rat l-affidavit ta' **Adam Grima** (fol 348).

14. Rat l-affidavit ta' **Isaac Grima** (fol 351).

15. Rat ix-xhieda ta' **Jeremy Jonas Debono** (fol 155).

16. Rat ix-xhieda tal-**Perit Joseph Attard** (fol 158).

17. Rat ix-xhieda ta' Dr. Jeremy Debono in kontro-ezami (fol 162).

18. Rat ix-xhieda tal-Perit Joseph Attard in kontro-ezami (fol 166 u 186).

19. Rat ix-xhieda tal-konvenut Jeremy Jonas Debono in kontro-ezami (fol 170, fol 181-184).

20. Rat ix-xhieda ta' Adam Grima in kontro-ezami (fol 172).

21. Rat ix-xhieda ta' Isaac Grima in kontro-ezami (fol 175, 177).

22. Rat ix-xhieda tal-Perit Tekniku Mario Cassar (fol 369).

23. Rat ir-risposti tal-Perit għad-domandi in eskussjoni ppreżentati fit-22 ta' Frar 2018 (fol 372).

24. Rat ix-xhieda ulterjuri tal-Perit Mario Cassar fejn wieġeb għal domandi in eskussjoni (fol 391B).

25. Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-Perit Tekniku ippreżentata fit-12 ta' Marzu 2018 (fol 393).

26. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019 din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

27. Rat illi fid-29 ta' Jannar 2020, il-Qorti ordnat l-egħluq tal-provi u awtorizzat lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti B.Grima & Sons Limited ippreżentata fit-3 ta' Ġunju 2020 (fol 403).

29. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukat Dottor Jeremy J. Debono u martu Nydian Debono ippreżentata fil-5 ta' Novembru 2020 (fol 418).

30. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2020, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

31. Jirriżulta li fl-2006, l-intimati konjuġi Debono talbu lis-soċjeta' rikorrenti twettaq xogħolijiet ta' kostruzzjoni ta' *swimming pool* fir-residenza tagħhom, 55, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa. Il-konjuġi Debono sostnew li dawn ix-xogħolijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u s-soċjeta' rikorrenti wettqet diversi danni u ħsarat. Illi r-rikorrenti qed jikkontendu li l-ammont għad-danni għal dan ix-xogħol fl-ammont ta' €75,688.35 baqa' ma tħallasx minkejja li ġew interpellati b'ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru 2010, eżebita bħala Dok BGS4 u bl-ittra ufficċjali datata 2 ta' Diċembru 2010, eżebita bħala Dok BGS5.

32. Jirriżulta li waqt it-twettiq tax-xogħolijiet tas-*swimming pool* kien sar ftehim verbali bejn Dr. Debono in rappreżentanza ta' Concorde Developments Limited sabiex l-aħwa Grima in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni ġo sit appartenenti lil Concorde Developments Limited, b'mod li Grima kellhom jitħallsu bi tpartit ta' appartament u car space stmati għal LM 55,000 ekwivalenti għal €128,115.53 bi flus. Jirriżulta wkoll li waqt li għaddejjin ix-xogħolijiet, Dr Jeremy Jonas Debono ħallas l-ammont ta' LM2,000 ekwivalenti għal €4,658.75. Dan sar fil-preżenza tal-Perit Joseph Attard.

33. Sussegwentement, jirriżulta li Adam Grima kien iltaqa' ma' Dottor Jeremy Jonas Debono fil-preżenza ta' Isaac Grima, Bartolomeo Grima, Adam Grima u Abraham Grima, fejn kien informa li Dr. Jeremy Debono li ma riedx ikompli jżomm mal-ftehim verbali.

34. Jirriżulta mill-provi li kienet saret proposta verbali minn Dr. Jeremy Debono li l-kont tax-xogħolijiet li kien tela' għal €61,142.67 kellu jitħallas minn Concorde Developments Limited, li minflok kienu ser jassenjaw żewġ appartamenti u żewġ garage spaces biex jitħallas il-bilanċ tal-prezz tax-xogħolijiet.

35. In segwitu, jirriżulta li Concorde Developments Limited, li mhijiex parti f'dan l-każ, kienet ipproċediet bil-każ 572/2011 kontra s-soċjeta' rikorrenti, fejn wara l-ftehim ta' appalt bejn Concorde Developments Limited u B. Grima & Sons Limited, kienet naqset milli tħares il-ftehim. Għalhekk, is-soċjeta' Concorde Developments Limited, wara li inkarigat terzi biex iwettqu x-xogħol ipproċedew b'każ għad-danni. F'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kienet iddecidiet li B. Grima & Sons Limited kellhom iħallsu €84,131 danni lil Concorde Developments Limited. Din is-sentenza kienet ġiet appellata u jirriżulta li l-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza datata 27 ta' Jannar 2017, irriformat is-sentenza appellata billi illikwidat id-danni fis-somma ta' €47,821.

36. Jirriżulta li fil-kontro-talba Dr. Jeremy Debono u martu qed jikkontendu li, wara li saru x-xogħolijiet fil-proprjeta` fil-Mellieħa u ċioe` l-bini ta' *swimming pool* u l-area tal-madwar, dan ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Illi tħallsu biss l-ammont ta' LM 2,000 ekwivalenti għal €4,658.75 minn Dr. Debono. Għalhekk, tramite l-kontro-talba, l-intimati Debono qed jitolbu li s-soċjeta' B. Grima & Sons Limited tkun responsabbli għad-danni.

37. L-intimati Debono jirreferu għar-rapport tal-perit *ex parte* Joseph Attard datat 20 ta' April 2011, eżebit bħala Dok JJD1.

38. Jirriżulta li l-Perit Mario Cassar, il-Perit nominat mill-Qorti, ikkonstata fil-konklużjoni peritali li huwa evidenti li x-xogħolijiet li għalihom tirreferi l-kontro-talba huma l-konsenturi fil-ħitan ta' fuq il-pool deck. Id-danni ġew stmati għal Ewro 650, u saret referenza wkoll għall-ħajt miżbugħ bil-kulur ikħal ta' fuq il-pool deck, li ma nbeniex mis-soċjeta' rikorrenti u d-danni fir-rigward ta' dan il-ħajt ġew stmati għal Ewro 150. Fir-rapport tal-Perit, ġie konkluż hekk:

> "*Minn spezzjoni viżwali waqt l-aċċess tal-15 ta' Frar 2012 kien evidenti li x-xogħolijiet li għalihom tirreferi l-kontro-talba huma l-konsenturi li hemm fil-ħitan ta' fuq il-pool deck.....illi hemm konsenturi żgħar f'ħitan oħra, eskluż il-ħajt miżbugħ bil-kulur ikħal illi ma nbeniex mir-rikorrenti. L-esponent jistma dawn id-danni għal € 150.*
>
> *L-esponent ikkonstata illi d-danni jikkonsistu f'konsentura f'wieħed mill-ħitan fl-arja tas-swimming deck. Danni oħra jikkonsistu fi qtar tal-konkos kemm fuq it-tegole u kemm fuq is-solar heater. L-esponent jistma dawn id-danni għal € 650."*

39. Fir-rapport ulterjuri tal-Perit Mario Cassar ġie kkonstatat li sabiex jinbena mill-ġdid, il-ħajt ta' ħames filati 'l fuq mid-deck area u biex jiġi mibni skont is-sengħa u l-arti, ġie stmat li dan jista' isir b'total ta' € 2,273.

**It-Talba Rikonvenzjonali**

40. L-intimati Debono ippreżentaw kontro-talba fejn ġie rilevat li s-soċjeta' B. Grima & Sons Limited, wara li ġiet inkarigata tagħmel xogħolijiet fil-proprjeta` tar-rikorrent rikonvenzjonanti, ix-xogħol ma twettaqx skont is-sengħa u l-arti, kwindi qed jitolbu lis-soċjeta' B. Grima & Sons Limited tkun responsabbli għad-danni u konsegwentemnt qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni.

41. Is-soċjeta' rikorrenti, fir-risposta tagħhom għal din il-kontro-talba laqgħet billi eċċepiet li mhuwiex minnu li x-xogħol imwettaq fir-residenza tal-intimati rikonvenjenti, fil-Mellieħa ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Di piu`, s-soċjeta' rikorrenti eċċepiet li mhijiex responsabbli għal allegat ħsarat u/jew danni. Ġiet eċċepita wkoll il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

**L-Ewwel Eċċezzjoni tal-intimati li mhumiex il-leġittimi kontradittur**i.

42. Illi ġie eċċepit li l-intimati mhumiex il-leġittimi kontradittur f'dan il-każ stante li l-ħlas mertu tax-xogħolijiet in kwistjoni kellu jsir mis-soċjeta' Concorde Developments Limited u mhux minnhom.

43. Dr Debono qed isostni li l-bilanċ tal-kont mertu ta' din il-kawża kellu jitħallas minn Concorde Developments Limited. Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-intimati Debono qed jikkontendu wkoll li seħħet novazzjoni u dan billi l-kunsens tas-soċjeta' rikorrenti fi kwalunkwe obligazzjoni li seta' kellhom, din l-obbligazzjoni ġiet maqtula billi Concorde Developments Limited ġiet imqiegħda debitriċi ġdida minflokhom. Dan huwa l-argument imressaq mill-intimati Debono fis-sottomissjonijiet konklussivi tagħhom. Fl-istess sottomissjonijiet, l-intimati Debono jirreferu għall-artikoli tal-Liġi u kif ukoll għall-ġurisprudenza, referibbilment għan-novazzjoni.

44. L-artikoli 1180(2) u 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipulaw li novazzjoni "*mhijiex preżunta, l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar*" u inoltre` "*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tiġix maqtula għalkemm tiġi mbiddla*".

45. Applikati dawn id-dettami mal-fatti kif esposti, din il-Qorti tosserva li ma hemm xejn fl-atti tal-każ li juri li sar ftehim ġdid ma' Concorde Developments Limited biex joqtol l-effetti ta' dak mitlub fir-rikors promotur fil-każ in eżami.

46. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-ġuristi, jiddefinixxu n-novazzjoni hekk:

> "*Novation is the transfer and transmission of a former debt into another civil or natural obligation; that is to say, when from preceding liability a new one is created in such a way that the former is destroyed; for novation derives its name from the term "new" and from a fresh obligation*." (**Ulpianus, On Sabinus**, Book XLVI).

47. Dan il-prinċipju ġie segwit fil-ġurisprudenza nostrana fejn, fil-kawża **Maria Rita Calleja vs Godwin Borg et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2010, ingħad hekk:

> "*In-novazzjoni huwa mod ta' estinzjoni ta' obbligazzjoni. Huwa inkorporat fl-Artikolu 1179 et seq tal-Kap 16. Għall-fini tal-każ tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti prinċipali hija l-Artikolu 1179(a) li jgħid li hemm novazzjoni "meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim li jispiċċa*."

48. L-artikolu 1179 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi, li jkun hemm hemm novazzjoni fis-segwenti sitwazzjonijiet:

a. meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim li jispiċċa;
b. meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;

c. meta bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida kreditur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus.

49. In-novazzjoni maħsuba fl-artikolu 1179 (a) suċitat, trid tidher ċar mir-rieda tal-partijiet li jikkuntrattawha, ma tistax tkun preżunta (**Artikolu 1180(2) tal-Kap 16**), u l-obbligazzjoni l-qadima trid tinqatel mhux sempliċiment titbiddel (**Ara Artikolu 1181(1) tal-Kap 16**).

50. Inoltre`, l-elementi meħtieġa biex isseħħ in-novazzjoni oġġettiva ta' obbligazzjoni ġew indikati fil-kawża **Dr. John J. Cassar noe vs John Zarb et**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 2004 bħala li huma:

a. l-eżistenza ta' obbligazzjoni preċedenti li
b. għaliha tidħol obbligazzjoni ġdida li tħassar, u mhux biss timmodifika jew tbiddel lil ta' qabilha b'mod li ż-żewġ obbligazzjonijiet ikunu inkompatibbli ma' xulxin
c. illi l-partijiet li joħolqu l-obbligazzjoni novanti ikollhom kapaċita` li jikkontrattaw u li
d. kellhom il-fehma li jħassru obbligazzjoni billi jibdluha ma oħra ġdida.

51. Kif diġa' osservat, jiġi aċċennat li mill-provi kollha prodotti f'dan il-każ, u in vista tal-prinċipji hawn fuq enunċjati, ma jistax jingħad li hemm novazzjoni fis-sens tal-artikoli imsemmija mil-Liġi. Di piu`, l-ebda mill-elementi hawn fuq imsemmija għan-novazzjoni ma jissussistu, kwindi, din il-Qorti tqis li l-argument imressaq mill-intimati, ma ireġġix, kwindi ser tkompli tipproċedi biex tistħarreġ il-kwistjoni dwar l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur.

52. F'dan ir-rigward, huwa ferm sinjifikanti wkoll, jiġi osservat li fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża bejn is-soċjeta' Concorde Developments Limited u s-soċjeta' rikorrenti, ġia' fuq indikata, Rik Nru 572/2011, ġie ritenut hekk:

> "*Hekk ukoll jiġi ribadit li l-appalt mogħti lis-soċjeta' konvenuta da parti ta' l-Avukat Debono fil-kapaċita' personali tiegħu, ma jifformax il-mertu ta' dawn il-proċeduri*."

53. Hawnhekk, tajjeb li jiġi ippreċiżat li l-appalt mertu tal-każ ta' l-appell, Rik Nru 572/2011, kien l-appalt tax-xogħol rigwardanti l-ftehim fejn il-partijiet kienu ftehmu dwar assenjazzjoni taż-żewġ appartamenti u ta' żewġ garage spaces. Iżda fil-każ odjern in eżami, dak il-ftehim ma jiffurmax parti mill-mertu ta' dan il-każ, stante li dan il-każ jikkonċerna appalt tal-bini tas-swimming pool fir-residenza li kienet appartenenti lill-intimati Debono fil-Mellieħa.

54. Fl-appalt mertu tal-kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, Rik Nru 572/2011, B. Grima & Sons Ltd kienu waqfu milli jkomplu jeżegwixxu l-kuntratt ta' appalt bla raġuni valida, b'hekk Concorde Developments Limited kellha tagħti l-appalt lil ħaddieħor. Minn naħa l-oħra fil-każ odjern in eżami dan mhuwiex il-każ. Tant hu hekk, li fil-kontro talba tagħhom l-intimati sostnew li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti, tant li qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni minn din il-Qorti. Kif sottolinejat fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti, dan jistona sew ma' l-eċċezzjoni ta' l-intimati Debono, fejn qed jippretendu li l-ħlas tal-kont mertu ta' dan il-każ isir minn Concorde Developments Limited, iżda Debono qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni għax-xogħol eżegwit stante li ma sarx skond is-sengħa u l-arti.

55. Punti saljenti li joħorġu fuq din l-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur ser jiġu hawnhekk puntwalizzati. Dawn il-fatturi li se jissemmew juru evidentement li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti:

    a. Il-kont datat 2 ta' Marzu 2017 Dok BGS 2 (Fol 9) jindika lil Dr Jeremy Debono.
    b. Il-ħlas ta' Lm 2,000 li sar f'Marzu 2007 ġie kkonfermat fir-risposta ta' Dr Debono u fil-kontro eżami tiegħu.
    c. Skambju ta' emails fejn jidher Dr Jeremy Debono.
    d. Fattura datata 1 ta' April 2009 jidher Dr Jeremy Debono.
    e. Ix-xogħolijiet in kwistjoni mertu ta' dan il-każ saru fid-dar tal-konjuġi Debono.

    Għalhekk in vista ta' dawn ir-riżultanzi fattwali l-argument sottomess fin-nota ta' l-intimati Debono dwar in-nuqqas tar-relazzjoni ġuridika u dwar li mhumiex il-leġittimi kontradituri, ma jistax ireġġi.

56. Fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti B. Grima & Sons Ltd saret referenza għall-każ **'*Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono*'** deċiża fil-21 ta' Marzu 2002, fejn ġie deċiż li meta, min jikkontratta, għamel hekk f'isem ħaddieħor, dik il-prova tinkombi fuq minn jallega. Saret referenza wkoll għal każ **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** (1365/92 AJM) deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001.

57. Il-Qorti għalhekk tqis illi dina l-eċċezzjoni ma treġġix u għalhekk qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati Debono.

## Meritu tal-każ

58. Permezz tal-proċeduri odjerni, s-soċjeta' rikorrenti qed titlob li l-intimati Debono jħallsu l-ammont ta' €75,688.35 skond il-kont immarkat Doc BGS2 datat 2 ta' Marzu 2007. (Fol 9-12). Jirriżulta li x-xogħol tlesta fis-sena 2007 filwaqt li l-każ odjern ġie ippreżentat fil-15 ta'April 2011. Jiġi osservat li f'dan il-perjodu taz-żmien mit-2007 sal-2001 ma kienx hemm ilment mill-konjuġi

Debono. Fil-fatt ġie kkonfermat minn Dr Jeremy Debono stess fix-xhieda tiegħu fejn ikkonferma li huwa ma ppruvax jilmenta dwar ix-xogħol eżegwit f'laqgħat li kienu saru bejn il-partijiet.

59. Jiġi osservat ukoll li r-rapport tal-Perit *ex parte* Joseph Attard huwa datat 20 ta' April 2011, u l-aċċess sar gurnata qabel fid-19 ta' April 2011. Jirriżulta mill-provi li l-Perit Joseph Attard kien ikun preżenti għal-laqgħat bejn il-partijiet, liema laqgħat seħħew qabel l-2011, iżda nonostante dan ir-rapport dwar ix-xogħolijiet imwettqa mis-soċjeta' rikorrenti sar eżattament qabel l-intavolar ta' dan il-każ. Fir-rapport tiegħu l-Perit Joseph Attard irrelata li hemm danni minn €3,045 sa €4,445.

60. Fir-rapport ta' l-espert nominat mill-Qorti l-Perit Mario Cassar ġie kkonstatat li d-danni għax-xogħolijiet eżegwiti mis-soċjeta' rikorrenti jammontaw għal €650. Fl-istess rapport huwa kkonstata li l-ħajt ta' mal-*pool deck* li ma nbeniex mis-soċjeta' rikorrenti, għandu danni ta' €150. Iżda jiġi nnutat li l-Perit Cassar sostna diversi drabi in eskussjoni li mix-xiehda ma rriżultax li l-ħajt ta' mal-pool deck, bil-faxx ikħal inbena mis-soċjeta' rikorrenti. Madankollu f'rapport ulterjuri l-Perit Mario Cassar ikkonstata li biex il-ħajt jinbena mill-ġdid l-ispiża tkun ta' €2,273. F'eskussjoni datata 21 ta' Novembru 2019, il-Perit qal li jidher li l-ħajt inbena skond is-sengħa u l-arti iżda li matul iż-żmien żviluppa konsentura. Il-Perit ikkonstata wkoll li jekk din il-konsentura ma tinfetaħx aktar, din tkun tista' timtela' minn bajjad b'mitt ewro.

61. Fir-raba' eċċezzjoni ta' l-intimati Debono ġie eċċepit li l-konjuġi Debono sofrew danni u ħsarat permezz ta' tixrid ta' konkos fuq is-saqaf u fuq it-tegole, u li x-xogħol kollu eżegwit mis-soċjeta' rikorrenti mhuwiex skond is-sengħa u l-arti. Hawnhekk ta' min jinnota li l-Perit Joseph Attard, inkarigat mill-intimati Debono stima d-danni għal massimu ta' €4,445. Minn naħa l-oħra l-Perit Mario Cassar, il-Perit nominat mill-Qorti stima d-danni kaġġunati minn titjir ta' konkos għal €650. Għalhekk dak sottomess fis-sottomissjonijiet ta' l-intimati Debono, fejn f'dan ir-rigward ingħaddew ukoll l-ammont ta' €2,273 għal bini mill-ġdid tal-ħajt, u €150 għall-konsentura fl-istess ħajt, mhuwiex applikabbli. Infatti l-Perit Cassar, kif diġa' ingħad, ikkonferma kemm il-darba fl-eskussjoni li dan il-ħajt ma rriżultax mill-provi li ġie mibni mis-soċjeta' rikorrenti. Għaldaqstant, ladarba ġie stabbilit li dan il-ħajt inbena fuq ħajt tas-sejjiegħ, ma nbeniex mis-soċjeta' rikorrenti, l-figuri msemmija ta' €2,273 u ta' €150 ma jistgħux jiġu kkunsidrati fil-mertu ta' dan il-każ.

62. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis li tista' tikkunsidra biss l-ammont ta' €650 bħala danni kkaġunati, skond kif ikkonstatat mill-Perit Mario Cassar, il-Perit nominat mill-Qorti. In vista tas-suespost tilqa' limitatament ir-raba' eċċezzjoni u tikkunsidra li għandhom jitnaqqsu l-ammonti ta' €650, kif ikkonstatat fir-rapport tal-Perit għall-ħsarat konsegwenza ta' taqtir ta' konkos fuq it-tegole u konsegwenza tal-konsentura li seħħet fil-ħajt. Dak ikkonstatat fir-rapport ulterjuri tal-Perit Mario Cassar dwar il-bini tal-ħajt mill-ġdid u l-ispejjeż involuti għal dan, ċertament ma japplikax in vista tal-konferma tal-perit fix-

xhieda tiegħu, li rriżultalu mill-provi, li l-ħajt ma inbeniex minn B. Grima & Sons Limited. Hawnhekk, huwa relevanti, jiġi osservat li dan il-fatt li l-ħajt ma nbeniex minn B. Grima & Sons Limited ma ġiex ikkontestat bl-ebda mod. Jiġi osservat ukoll, li l-ammont ekwivalenti għall-LM,2000 li diġa' tħallsu mill-intimati ġew imnaqqsa fil-kont maħruġ mis-soċjeta' rikorrenti eżebit a fol 9 tal-proċess. Għaldaqstant, in vista ta' dawn ir-riżultanzi fattwali, mill-ammont reklamat mir-rikors promotur, għandu jitnaqqas l-ammont ta' €650. Konsegwentement, l-ammont mitlub għax-xogħolijiet imwettqa ta' €75,688.35 għandu jitnaqqas bi €650, b'hekk l-ammont li għandu jitħallas mill-intimati Debono għandu jkun ta' €75,038.35.

63. Permezz tat-tielet eċċezzjoni fir-risposta ta' l-intimati Debono, qed jiġi kkontestat il-kont anness mar-rikors għax, skond l-intimat, jinkludi talba għal ħlas ta' xogħolijiet li sar lil terzi.

64. F'dan l-stadju, jiġi osservat li ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar dan qabel ma ġie ppreżentat dan il-każ. Referibbilment għall-ammont ta' €3,000 l-intimati Debono qed jgħidu li dan l-ammont kellu jitħallas minn Concorde Development Ltd għax tinvolvi xogħol li sar fuq sit ta' Concorde Development Ltd. Din il-Qorti tqis li dan l-argument ma ġiex ippruvat u ma jistax jirnexxi.

65. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tirreferi għall-kont eżebit a fol 9 *et seq* tal-proċess maħruġ minn B. Grima & Sons Limited, fejn jingħadu dawn il-preċiżi kliem; "*Xogħol li sar fil-plot tal-Mellieħa, irfid bil-ħadid, tindif tal-pedamenti, bini tal-boundary wall u windbreaker.*" Dan ix-xogħol huwa indikat fil-kont li jammonta għal €3,000.

66. Il-Qorti tosserva li fir-rikors tal-każ 527/11 deċiż mill-Qorti tal-Appell, kien ġie premess hekk fil-ħames premessa, li "***is-soċjeta' intimata, qabel ma abbandunat il-lant tax-xogħol leħqet għamlet xogħol ta' irfid bil-ħadid, tindif ta' pedamenti, bini ta' boundary wall u windbreaker.***" Dawn huma l-istess preċiżi xogħolijiet imsemmija fil-kont a fol 9 fil-każ in eżami.

67. Ladarba, kien ammess fil-premessi tar-rikors tal-Appell, li dan ix-xogħol li leħaq sar minn B. Grima & Sons Limited, dan ix-xogħol fl-ammont ta' € 3,000 għandu wkoll jitħallas lis-soċjeta' B. Grima & Sons Limited.

68. Għalhekk tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' l-intimati Debono.

## L-Ewwel u t-tieni eċċezzjoni rikonvenzjonali

69. Fl-ewwel eċċezzjoni rikonvenzjonali ġie eċċepit, li l-allegati ħsarat ma ġewx kkaġunati mis-soċjeta' B. Grima & Sons Limited. F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-provi, li Isaac Grima fil-kontro-eżami, ikkonferma li t-titjir ta' konkos fuq it-tegole, jista' jkun li għamilhom hu. B'referenza għat-titjir ta' konkos, il-Perit Mario Cassar, fix-xhieda tiegħu in eskussjoni a fol 369 sa 372 xehed dwar dan.

Għalhekk, ladarba jirriżulta li l-ħsara għad-danni misjuba f'dan il-każ, b'referenza għat-titjir ta' konkos fuq it-tegole saret minn B. Grima & Sons, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

70. Fit-tieni eċċezzjoni rikonvenzjonali, is-soċjeta' rikorrenti rikonvenuta, sostniet li mhijiex responsabbli għal ebda allegati ħsarat jew danni sofferti mill-intimati Debono. In vista, tal-mertu diġà deċiż hawn fuq, u in vista tar-rapport tal-Perit Mario Cassar, fejn fl-istess rapport ġie stabbilit, li kien hemm danni b'referenza għal titjir ta' konkos fuq it-tegole, liema ħsarat ġew stmati fl-ammont ta' Ewro 650. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi u b'dawn ir-riżultanzi fattwali, din l-eċċezzjoni ma treġġix u qed tiġi miċħuda.

**It-tielet eċċezzjoni rikonvenzjonali**

71. Ġie eċċepit li peress li l-allegati ħsarat u nuqqasijiet huma faċilment identifikabbli u mhumiex difetti moħbija, l-pretensjonijiet ta' l-intimati huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap16.

72. L-**Artikolu 2153 tal-Kap 16** jipprovdi: "*L-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*."

73. Ġie stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li din il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-jum li fih ikun ġara illeċitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih. (Ara **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance**, Appell Ċivili deċiż fit-30 ta' Mejju 1952, Vol. XXXVI-I-133; **Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar**, Vol. XXIX-III-92; Pugliese Parte II, **La Prescrizione Estintiva** para, 63; **Laurent**, Diritto Civile Vol. XXXII, para 15; **Baudry**, Vol. XXVIII, prescrizione para 380).

74. Relevanti huwa wkoll l-**artikolu 2137 tal-Kap 16** li jiddisponi: "*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss*."

75. Inoltre`, il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva, għalhekk, jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabbilita` taż-żmien preskrittiv, dak id-dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni. (Ara **Alf Mizzi & Sons Marketing Ltd. vs Dismar Co. Ltd.** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Ottubru 2004; u **Ellul noe vs Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001; **Leonard Attard et vs L-Awtorita` ta' Transport Malta et**, deċiża mill-Prim' Awla fit-2 ta' Ġunju 2015).

76. Id-danni fit-talba rikonvenzjonali mhumiex naxxenti minn nuqqas tad-delitt jew kważi delitt iżda minn nuqqas ta' adempiment da parti tas-soċjeta' rikorrenti ta' obbligu impost fuqha derivanti minn rabta kuntrattwali bejn il-partijiet. Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet, ġie ċitat il-każ **Carmelo Armla Manicolo vs Philip Hili**

deċiż fil-5 ta' Ottubru 1998 fejn ingħad hekk: "*meta d-danni huma ex-contractu" għax ġejjin minn relazzjoni ta' obbligazzjoni ta', il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin u mhux ta' sentejn*." Minbarra hekk huwa obbligu kuntrattwali u ma fihx karattru delittwuż jew kolpuż. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-allegati danni abbażi ta' ħsarat, fil-każ in eżami, huma abbażi ta' rabta kuntrattwali, kwindi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin u mhux din eċċepita ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

77. Minn naħa l-oħra, ġie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' B. Grima & Sons Limited, li l-Artikolu 2153 (tal-Kap 16) (culpa aquiliana) għandu japplika u mhux l-Artikolu 2155 (danni kuntrattwali). Stante li l-kontro-talba ta' l-intimati Debono hija msejsa li mhijiex preskritta bit-trapass ta' sentejn mit-tlestija ta' xogħolijiet l-argument li Debono mhumiex il-leġittimi kontradittturi ma' japplikax. Dan għaliex ġie diġa' deċiż aktar 'il fuq u ġie determinat minn din il-Qorti li mhuwiex minnu li m'hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti f'dan il-każ.

78. Madankollu, dan l-argument ta' B. Grima & Sons Limited ma ireġġix. Il-każ odjern ġie ntavolat fl-2011, ix-xogħolijiet in kwistjoni tlestew fl-2007. Iżda, kif meqjus minn din il-Qorti, din il-preskrizzjoni eċċepita mhijiex applikabbli għal-allegati danni u ħsarat naxxenti minn obbligu kuntrattwali stante li mhijiex il-preskrizzjoni applikabbli għal dan.

79. Għalhekk, tiċħad it-tielet eċċezzjoni rikonvenzjonali.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti u tal-intimati.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Dwar it-talba tas-soċjeta' rikorrenti;

**Tiċħad** l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimati Debono.

**Tilqa'** limitatament ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati Debono fis-sens, li l-ammont rappreżentanti ħsarat u danni kif ikkonstati mill-Perit nominat mill-Qorti fl-ammont ta' sitt mija u ħamsin (€650) ġew imnaqqsa mill-ammont mitlub fir-rikors promotur.

**Tilqa'** l-ewwel u t-tieni talba u tiddikkjara l-intimati Jeremy Jonas Debono u Nydian Debono huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, tmienja u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€75,038.35) u tordnalhom iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf, tmienja u tletin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€75,038.35).

Dwar il-kontro-talba ta' l-intimati,

**Tiċħad** l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta' rikorrenti għar-raġunijiet spjegati,

**Tilqa'** limitatament it-talbiet rikonvenzjonali tal-intimati Debono, fejn tiddikkjara illi s-soċjeta' rikorrenti hija responsabbli għal danni limitatament fl-ammont ta' sitt mija u ħamsin Euro (€650), liema danni ġew debitament imaqqsa minn dina l-Qorti mill-ammont akkordat lis-soċjeta' rikorrenti.

**L-ispejjeż** inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali numru 4802/2010 datata 2 ta' Diċembru 2011 għandhom ikunu a kariku ta' l-intimati.

**Imgħax** jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur